TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/161/13/S

Edward Schembri
vs
Peter Camilleri ezercenti l-kummerc bhala Motion Enterprise

Illum 13 ta'Frar,2014.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Edward Schembri pprezentata fis-17 ta'Lulju,2013 u r-risposta ta' Peter Camilleri ezercenti l-kummerc bhala Motion Enterprise ipprezentata fis-16 t'Awwissu,2013;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lir-rikorrent Edward Schembri kif ukoll it-trattazzjoni tieghu maghmula fis-16 ta'Jannar,2014;

Illi l-intimat Peter Camilleri ghalkemm irrisponda ghat-talba rikorrenti, baqa' ma deherx quddiem it-Tribunal biex jaghti l-verzjoni tieghu bil-gurament;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda batteriji ta' siggu ta' dizabilita li wara 18-il xahar, ma baqghux jahdmu;

Illi fl-ewwel lok jinghad li r-rikorrent stess stqarr li dawn il-batteriji ma kinux b'sahhithom bizzejjed u dan jikkombacja mal-verzjoni tal-intimat li fir-risposta tieghu allega li r-rikorrent ghazel batteriji inqas b'sahhithom minn dawk rakkomandati ghas-siggu odjern;

Illi jinghad ukoll li s-sahha tal-batteriji jiddependi wkoll minn fatturi estranei bhal fuq x'tip ta' art jinsaq;

Illi gjaladarba hu r-rikorrent stess li ddikjara li l-batteriji hadmu sew ghal 18-il xahar, dan jikkonferma li ma kellhomx difetti ghax kieku ma kinux jahdmu ghal dan il-perjodu ta'zmien;

Illi fi kliem ir-rikorrent stess *"iz-zewg batteriji gralhom il-hsara u tmur is-sahha malajr"* u dan jista' kien rizultat tad-decizjoni tar-rikorrent li jaghzel batteriji mhux b'sahhithom bizzejjed ghas-siggu ta' dizabilita tieghu;

Illi min-naha l-ohra, l-intimat ma deherx quddiem dan it-Tribunal u ghalhekk ma spjegax fid-dettal dak li qal fir-risposta tieghu;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' *in parte* it-talba ta' Edward Schembri u Jordna lil Peter Camilleri ezercenti l-kummerc bhala Motion Enterprise biex ihallas lil Edward Schembri is-somma ta' €50 stabbilita *ex aequo et bono*, b'kull parti thallas l-ispejjez rispettivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru